# Bertu Fenech ikona Balzanija

## Isem assoċjat u mwaħħad għal dejjem ma' Ħal Balzan

L-isem ta' Bertu Fenech, għal bosta, żgur assoċjat ma' Ħal Balzan aktar u aktar malqalba ta' Ħal Balzan għax il-pjazza, li hi ċ-ċentru ta' dan ir-raħal storiku u pittoresk, hi msemmija għalih.

Lejn tmiem is-sena li għaddiet, propju fit-28 ta' Diċembru 1968, hu għalaq 50 sena minn mindu ħalliena fl-età żgħira ta' 45 sena. Għalhekk xieraq li nfakkruh.

Għal Bertu Fenech Ħal Balzan kien jiġi l-ewwel u qabel kollox. Kien jagħmel minn kollox biex jara li ma jkun jonqsu xejn.

Ħadem għal Ħal Balzan bla heda tant li l-Eks Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista Ġorġ Borg Olivier kien iħobb jgħidlu kemm-il darba li kien jixraqlu li jkun is-'Sindku' ta' Ħal Balzan, minkejja li dawk iż-żminijiet kienu għadhom 'il bogħod mill-ħolqien tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant 'il bogħod ukoll mill-ħatriet tas-Sindki f'pajjiżna.

Albert Fenech, negozjant, ħadem ħafna wkoll għall-Partit Nazzjonalista tant li hu kien għal xi żmien it-Teżorier tal-Partit Nazzjonalista.

Kien attivist kbir fi ħdan il-PN u bosta kienu jħarsu lejh bħala l-bniedem li seta' jgħin biex il-Partit Nazzjonalista jkompli jimxi 'l quddiem, għax hu kien bniedem ta' inizjattiva kbira.

Ritratti antiki ta' waħda mir-rebħiet elettorali li kien għamel il-Partit Nazzjonalista juru lil Bertu fuq *landrover* flimkien ma' mexxejja oħra tal-PN ta' dak iż-żmien.

Wieħed minn dawn ir-ritratti qed nirriproduċuh hawn taħt f'din l-istess paġna.



Albert Fenech

# Politiku li jgħaqqad u jservi minkejja l-kulur u t-twemmin tiegħu

George Maggi

Albert Fenech twieled il-Furjana fid-19 ta' Jannar 1914, iben Tumas Fenech u l-Baronċina Teresina Borg Carbott. Albert għalaq 50 sena li ilu nieqes minn tmiem is-sena li għaddiet, f'Diċembru tal-2018.

Meta kien għadu tifel il-familja tiegħu marret toqgħod fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, fejn illum hemm il-bini tal-GWU fejn għexu sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Huma kienu ħamest itfal filwaqt li Albert kien l-akbar wieħed.

Missieru miet meta Albert bilkemm kellu 18-il sena u għalhekk kellu jieħu r-responsabbiltà tal-familja. Fl-istess ħin Albert ħa f'idejh in-negozju ta' missieru minkejja l-età żgħira. Madankollu hu kellu sisien ta' edukazzjoni tajbin mill-Kulleġġ Agostinjan kif ukoll valur sodi li hu ħa mingħand il-ġenituri tiegħu kif ukoll iz-zija li kompliet rabbietu.

### Preżenti fit-twaqqif tal-PN

Missieru kien wieħed minn dawk preżenti meta fis-16 ta' Jannar 1932 twaqqaf il-PN bħalma nafuh illum. Il-firem tiegħu kienu magħrufa u dokumentati f'rekords li ġew miġbura minn Richard Muscat.

Għaldaqstant, Albert trabba b'ideat politiċi qawwija fost l-oħrajn b'risq Malta indipendenti.

Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, il-familja kienet evakwat mill-Belt Valletta u marret tgħix f'Ħal Balzan. Minħabba li n-negozju f'dan iż-żmien ta' gwerra kien batta, Albert ħadem għal xi żmien fl-Uffiċċju tal-War Protection f'Ħal Lija fejn iltaqa' ma' dik li kellha tkun martu, Violet (nèe Galea) li l-familja tagħha wkoll kienet evakwat minn Tas-Sliema.

Meta żżewġu Albert insista li kellhom jibqgħu jgħixu Ħal Balzan, ir-raħal li fih kien trabba u ħalla fuqu impatt u li għalih kien qed jiddedika bosta minn ħinu u saħħtu biex dan ikun żviluppat fil-limiti tal-possibbiltajiet tiegħu.

Kien fl-1952 meta Albert kien perswadut minn Ġorġ Borg Olivier, Victor Ragonesi u Jacky Frendo Azzopardi, it-tlieta li għamlu żjara bla mistennija fejn kien joqgħod Albert fi Triq San Valentinu (u fejn twieldet bintu Rosette) biex jikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali f'isem il-Partit Nazzjonalista.



Albert Fenech (fiċ-ċirku abjad) jidher fuq il-landrover tar-rebħa Nazzjonalista fl-1962, waħda mir-rebħiet elettorali kbar li kiseb il-PN. Hu kien ikkontesta tliet elezzjonijiet fuq pariri tal-Eks Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier, iżda mingħajr ma kien elett (skont Borg Olivier minħabba s-sistema tal-alfabett)

### Il-mudell li fuqu xtaq jaħdem

Kemm minħabba Ġorġ Borg Olivier kif ukoll minħabba l-ideali li għalihom Albert kien jipprofessa fejn fihom kien hemm il-viżjoni għal Malta, kienu dejjem il-mudell li fuqu xtaq jaħdem, ma setax jgħid le għall-proposta ta' Borg Olivier u sħabu.

Tant kemm kellu fiduċja f'Albert, li Borg Olivier kemm-il darba kien isejjaħlu 'Is-Sindku ta' Ħal Balzan' u dan fi żmien meta s-Sindki f'Malta lanqas kien għad hemm ħolma li jsiru.

Albert Fenech ikkontesta tliet elezzjonijiet konsekuttivi b'riżultati tajbin, madankollu ma kienx elett, dejjem għal ftit voti, xi ħaġa li Borg Olivier dejjem kien isostni li saret minħabba s-sistema elettorali fejn jidħol l-alfabett. Sadattant hu kien fl-Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista bħala Teżorier sal-1962.

Filwaqt li għalkemm ġie nieqes f'età żgħira u xorta kellu x-xorti jara l-ideal tiegħu jintlaħaq bl-Indipendenza ta' Malta, hu ma kellux jara t-tmiem tax-xogħol fil-pjazza ta' Ħal Balzan li kienet imsemmija kif kien xieraq, għalih. Dan seħħ l-aktar grazzi għal ħabib kbir tiegħu u suċċessur tiegħu bħala Teżorier tal-PN, Joe Stellini, kif ukoll il-ħabib kbir l-ieħor tiegħu Valent Cardona.

Sadattant lanqas ma kellu x-xorti li jkun preżenti għall-inawgurazzjoni tal-Każin ta' Ħal Balzan li hu kien tant ħadem għalih u xtaq. Madankollu, Ġorġ Borg Olivier fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Każin, tah ġieħ waqt id-diskors tiegħu.

### Marka li ma titħassarx

L-isforzi kbar tiegħu dwar ix-xogħlijiet fil-pjazza ta' Ħal Balzan li xtaq jara lesti, minkejja l-problemi u l-ostakli li kienu ġejjin minn bosta naħawi, imqar minn dawk li wieħed seta' lanqas jistenniehom, jibqgħu marka li ma titħassarx lejn ir-raħal adottiv tiegħu ta' Ħal Balzan u niesu li kienu tant iħobbuh u b'rispett isejħulu s-Sur Bert.

L-imħabba kbira li s-Sur Bert kellu lejn Ħal Balzan wasslitu biex prattikament ikun f'kull kumitat soċjali fir-raħal mhux inqas dak tal-Kumitat tal-Parroċċa fi żmien il-Kappillan il-Kan. Carmelo Scberras kif ukoll fil-Kumitat tal-Każin Marija Annunzjata li tagħha kien għal xi żmien ukoll President.

Sadattant hu kien ukoll midħla sew tal-Każin San Gabriel, xi ħaġa li kienet turi biċ-ċar ir-rieda tipika li jkun ħabib, jgħaqqad u jservi, minkejja l-kulur u t-twemmin li ħaddan. Dan kien fl-aħħar mill-aħħar irriflettа kemm fir-riżultat tal-elezzjoni kif ukoll lejn l-aħħar fil-funeral tiegħu fil-ġimgħa tal-Milied tal-1968 meta Albert ħalla din id-dinja propju l-għada tal-Milied, is-26 ta' Diċembru 1968.